# LEZZJONI BIBBLIKA

L-
EWWEL AQRA DAN L-EPISDOJU BIL-MOD U WARA GHADDI BIEX TAHDEM L-EZERCIZZJI LI JSEGWU

## Ġesù u Żakkew



[Lq:19:1] Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq.[Lq:19:2] Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani.[Lq:19:3] Kellu xewqa li jara min kien Ġesù, imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir.[Lq:19:4] Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi.[Lq:19:5] Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek."[Lq:19:6] Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu.[Lq:19:7] In-nies, meta rawh, lkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ.[Lq:19:8] Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed."[Lq:19:9] Qallu

Ġesù: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham.[Lq:19:10] Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf."

IPPRINTJA L-ISTAMPA U AGHTIHA L-KULUR



**WIEGEB GHAL DAWN IL-MISTOQSIJIET:**

1. Kristu kien hiereg jew diehel gewwa Geriko?
2. X'kien ix-xoghol ta' Zakkew?
3. Ma' liema sigra tal-frott ixxabbat Zakkew?
4. Ghaliex ixxabbat maghha?
5. Veru jew falz li nghid li Zakkew stieden lil Gesu' ghandu gewwa daru?
6. Ghaliex in-nies bdiet tgerger li Gesu' dahal ghand Zakkew?
7. Gesu' qal : " Il-lum f'din din dar dahlet / il-paci / il-ferh / is-salvazzjoni." - Aghzel dik tajba.
8. Skont il-kelma ta' Kristu, x'gie jaghmel Hu fost il-bnedmin?

## ZAKKEW .

L-ufficjali li jigbru t-taxxi qatt ma kienu popolari. Fil-Palestina Rumana l-poplu kellu stmerrija kbira lejhom. Kienu jikkolaboraw ma' l-oppressuri barranin. Il-Lhud kienu jhossu l-istess sentimenti ghar-Rumani bhalma l-Francizi kienu jhossu ghan-Nazi fil-gwerra Dinjija II.

Imma s-sistema rumana tal-gbir tat-taxxi kienet taghmel lil dawn l-ufficjali nies mibghdua hafna. Ir-Rumani riedu jigbru hafna taxxi minn fuq il-popli li kienu jahkmu, imma ma riedux jinvolvu lin-nieshom. Ghalhekk kienu jdahhlu maghhom nies lokali u jaghtuhom percentagg ta' dawk it-taxxi li jigbru u jekk xi hadd ried jisloh aktar flus minn fuq dahar in-nies, aktar seta jistaghna.

Kienu nizmuma bhala nies halliela u ma jibzghux minn Alla. Kienu jissejjhu pubblikani u Zakkew kien wiehed minnhom, anzi kien il-kap taghhom, u sar sinjur bis-serq li kien iwettaq minn fuq hutu l-Lhud. Kien

bniedem qasir u imqanqal mill-kurzita' huwa tela' fuq sigra biex jara min kien ezattament dan Gesu' li kulhadd kien qed jitkellem fuqu. Hafna semghu li kien ser jghaddi minn Jeriko izda ghalihom kienet gurnata ta' xoghol bhas-soltu.

Izda mhux ghal Zakkew. Huwa ghalaq l-ufficju u mar biex jara lil dan il-bniedem ta' ghageb li bi kliemu u ghemilu kien qed isahhar lil kulhadd. Beda jikkopera mal-grazzja t'Alla. Kien hemm hafna nies, izda Kristu ghazlu minn fost il-folla kbira u stieden ruhu b'idejh fid-dar tieghu. Kienet haga mpura li Lhudi jidhol fid-dar ta' publikan kif kienu maghrufa dawn l-ufficjali tal-gbir tat-taxxa. Imma dan Kristu ma kienx Lhudi ordinarju. Wiehed midneb ma kienx ser jaghmlu mpur. Ghal kuntrarju kien ikun Kristu li jippurifikah.

Zakkew laqghu ghandu; ma kienx ser jitlef dik l-opportunita'. Ma' l-ewwel laqgha tieghu wera' li kien lest li jilqa' l-grazza ta' Alla ghall-konverzjoni. Gharaf Zakkew li jekk irid jilqa' lil Kristu jehtieglu li jholl qalbu minn mal-flus. U ghalhekk stqarr quddiem Kristu li kien lest li jaghti nofs gidu lill-poplu. U jekk seraq lil xi hadd kien ser iroddlu erba' darbiet aktar. Is-Salvazzjoni giet lil Zakkew ghax kien Kristu li ghamel l-ewwel pass.